MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 69/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Malcolm Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Malcolm Azzopardi**, ta' ebghin (40) sena, bin Francis u Josephine neé Attard, imwieled Attard, fis-27 ta' Frar 1972, residenti "Tramonto Court" Mais. 2, Triq Guzé Orlando, B'Kara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0121872(M), akkuzat talli:

1. f'Gunju 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited;

2. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 34), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 36) datata 9 ta' Gunju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 37), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Gunju

2014 (*a fol.* 36), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat li l-imputat ma ressaqx aktar provi f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota tal-imputat ipprezentata fid-19 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 54), minn liema jirrizulta dokument (Dok. "MA 1" – *a fol.* 55) li juri li l-imputat ghandu impieg mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, is-sottomissjoniet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 57 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 56) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sat-30 ta' Jannar 2015 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tad-difiza datata 19 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 59).

Semghet, waqt is-seduta tallum, qabel ma giet moqrija s-sentenza fil-konfront tieghu, lill-imputat jammetti, ghal kull buon fini, l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu kif jirrizultaw mill-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-9 ta' Gunju 2014 u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.
Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehdet **Carmen Galea** (rapprezentanta ta' *Malta Public Tranport* gia ARRIVA – *a fol.* 23 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputat kien eks-xufier tal-ARRIVA u li l-kaz odjern jikkoncerna flus tal-bejgh tal-biljetti tax-xarabanks. Tghid li l-imputat gie mitkellem fit-12 ta' Dicembru 2011 u li kellu jaghtihom €6350. Ftehmu kif kellu jsir il-hlas da parte tal-imputat

pero minkejja li kienu jsiru xi hlasijiet l-ammont kien jizdied flok jonqos tant li l-ammont tela' ghal €8878.11. Ipprezentat numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "CG 1" sa "CG 4" (*a fol.* 25 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 47), tghid li wara li l-imputat kien ihallas certu ammont mill-paga tieghu, hu kien jerga' jtella' l-ammont ghax jerga' jehodhom. Tghid li minkejja li l-imputat gie mitkellem diversi drabi, l-ammont dejjem baqa' jizdied.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Ferris** (*a fol.* 38 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu f'dan il-kaz in segwitu ta' kwerela mibghuta mis-socjeta' ARRIVA. Jghid li l-imputat ikkoopera mal-investigazzjonijet redatti minnu u li hu (l-imputat) ikkonferma li kien ha l-flus ta' €8878.11 dovuti lis-socjeta' ARRIVA. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "JF 1" sa "JF 3" (*a fol.* 40 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> l-Ufficjal Prosekutur jghid li l-imputat kien kellmu fuq xi problemi familjari fis-sens li kien issepara minn mal-mara tieghu u kellu hafna problemi fuq manteniment u affarijiet simili. Jghid ukoll li l-imputat kien ukoll kellmu fuq il-kwistjoni ta' mard tal-mama' tieghu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014, xehed l-imputat **Malcolm Azzopardi** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa ghandi jaghti lis-socjeta' ARRIVA is-somma ta' madwar €8800. Ikkonferma li s-somma hija dik ta' €8878. Jghid li kien lahaq ftehim mas-socjeta' ARRIVA sabiex jinqatghu mitejn Euro (€200.00) kull hmistax il-gurnata u wara li nqata' certu ammont, kien gie terminat l-impieg tieghu u b'hekk il-pagamenti da parte tieghu waqfu wkoll. Jghid li ma kienx f'pozizzjoni li jhallas l-ammont kollu dovut f'daqqa. Jixhed li ma jahdimx u li jiehu hsieb ommu li tbaghti minn *dementia* qawwija.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li x-xufiera bhalu kien ikollhom ammonti kbar ta' flus f'idejhom u li kien ikun hemm drabi fejn il-magna fejn suppost jiddepozitahom ma kienitx tkunx tahdem u b'hekk il-flus

ma setghux jigu depozitati. Ikkonferma li l-flus li suppost kien iddepozita ghand il-kumpanija, li kienu flus dovuti lilha, hu kien nefaqhom ghall-affarijiet tieghu personali.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JF 2" – *a fol.* 41 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt (Dok. "JF 1" – *a fol.* 40), l-imputat jikkonferma li ghandu kont pendenti mas-socjeta' ARRIVA Malta Limited fis-somma ta' €8878.11. Jghid li kien xufier mas-socjeta' imsemmija u kkonferma wkoll li huwa ghandu jew kellu flus tan-noll jew dhul iehor mix-xoghol tieghu bhala xufier mas-socjeta' imsemmija li ma thallsux lura lilha. Mistoqsi fuq dawn il-flus, jghid: *"Jiena kont nixtri affarijiet ghalija nnifsi kif ukoll uzajt minn dawn il-flus ukoll sabiex kont nohrog mal-hbieb u mat-tfajla u naghmilha tal-"gallantuomo"* (*a fol.* 42). Mistoqsi x'ghamel bil-flus li kien fl-obbligu skond dmieru li jiddepozita, wiegeb: *"Kif diga ghidtlek infaqthom f'hafna affarijiet u kapricci zejda"* (*a fol.* 43).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduti tal-5 ta' Mejju 2014 u dik tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 15 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u kif ukoll il-fatt li l-imputat irnexxielu jsib impieg (*Vide* Dok. "MA 1" – *a fol.* 55).

Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **<u>L-AHHAR DARBA</u>** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans. Il-Qorti qieghda taghmilha cara

wkoll mal-imputat li jekk m'huwiex ser jiehu din l-opportunita' li qed taghtih din il-Qorti, hemm konsegwenzi serji. Il-Qorti ser tara li l-imputat jinghata ordni li permezz taghha jkun obbligat ihallas l-ammont dovut lis-socjeta' leza fi zmien definit u ser tinformah dwar il-konsegwenzi serji li jista' jsib ma' wiccu u jkollu jghaddi minnhom f'kaz li dan iz-zmien ma jigix rispettat u/jew f'kaz li ma jsirx il-hlas dovut minnu. Il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-9 ta' Gunju 2014 b'mod partikolari Artikoli 18, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Malcolm Azzopardi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Malcolm Azzopardi taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Malcolm Azzopardi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Malcolm Azzopardi.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------